MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 378/2014

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

**vs**

**Dimbros Limited (C32506)**

**Melchior Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar id-19 ta' Novembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, jew min minnhom, is-somma ta' €4371.91 (erbat elef, tlett mija u wiehed u sebghin ewro u wiehed u

disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ bejgh ta’ prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjati lid-debituri jew min minnhom mill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat illi is-socjeta’ konvenuta Dimbros Limited kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 4 ta’ Mejju 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta kif moghti fir-rikors promotur (fol. 12 tergo), kif ukoll fil-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug u fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zebbug.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet ukoll notifikata bir-rikors permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern nhar l-4 ta’ Mejju 2015 (fol 16) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-8 ta’ Mejju 2015 (fol.14).

Rat illi l-konvenut Melchior Dimech kien gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 4 ta’ Mejju 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur (fol. 12 tergo), kif ukoll fil-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug u fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zebbug.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern nhar l-4 ta’ Mejju 2015 (fol 16) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-8 ta’ Mejju 2015 (fol.14).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2015 is-socjeta’ konvenuta Dimbros Ltd kif ukoll il-konvenut Melchior Dimech gew imsejha izda ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tat-13 ta’ Mejju 2015.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2015 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, tlett mija u wiehed u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€4,371.91) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ghad-debitu tas-socjeta’ konvenuta, u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------